TAKING GENDER EQUALITY TO LOCAL COMMUNITIES

(co-funded by the Community Framework Strategy on Gender Equality 2001-2005)

# OPPORTUNITA` INDAQS

Jgħidu x-xogħol tal-ġisem is-salmura,
bil-ħidmiet il-bniedem jieħu s-sura.
Sabiex nimxu fil-karriera
ma nħallu 'l ħadd u xejn
jaqtgħalna qalbna nkella naqgħu lura.

M'għandu jkun hemm qatt xi distinzjoni
f'kollox, tgħid xi tgħid it-tradizzjoni.
Jekk nisseparaw it-toroq,
nillimitaw l-għażliet
u nkunu ta' tfixkil fl-aspirazzjoni.

**REF:** Opportunita` indaqs,
opportunita` l-istess,
talenti għandna kollha
hu x'inhu s-sess.
Ebda firda bejn xulxin,
ebda firda skond xi rwol.
Inħarsu drittijietna
fl-għażla tax-xogħol.

F'din id-dinja aħna lkoll ugwali;
membri ta' komunita` soċjali.
Għala naħlu ir-riżorsi
jekk għandna l-abbilta`?
Ilkoll mogħnija b'ħafna potenzjali.

**REF:** Opportunita` indaqs eċċ…

**BRIDGE:** Min iħaddem u min jaħdem
għandna nimxu b'moħħ miftuħ,
ma' ta' taħtna, mal-kollegi
qatt ma nħarsu lejn l-uċuħ.

TAKING GENDER EQUALITY
TO LOCAL COMMUNITIES

(co-funded by the Community Framework Strategy on Gender Equality 2001-2005)

**REF:** Opportunita` indaqs eċċ…

joe julian farrugia